

Brussell, 11 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7335/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0064(NLE)**

PECHE 110

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Marzu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 115 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini u li tħassar id-Deċiżjoni 10126/14

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 115 final.

Mehmuż: COM(2019) 115 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.3.2019
COM(2019) 115 final

2019/0064 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Inter-
Amerikana għat-Tonn Tropikali u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-
Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini u li tħassar id-Deċiżjoni
10126/14**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini għall-perjodu 2019-2023 b'konnessjoni mal-adozzjoni prevista ta' miżuri.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni ta' Antigua u l-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini

Bl-istabbiliment tal-IATTC, il-Konvenzjoni għat-Tiŝih tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Costa Rica (il-Konvenzjoni ta' Antigua) timmira li tiżgura l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut koperti bil-Konvenzjoni ta' Antigua. Il-Konvenzjoni ta' Antigua daħlet fis-seħħ fl-10 ta' Ottubru 2008.

Bl-istabbiliment tal-Laqgħa tal-Partijiet tal-AIDCP, il-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (il-Ftehim IDCP) jimmira li jnaqqas progressivament il-mortalità inċidentali tad-dniefel fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua għal livelli li jqarrbu lejn iż-żero. Skont l-Artikolu XIV tal-Konvenzjoni ta' Antigua, l-IATTC għandu jkollha rwol integrali biex tikkordina l-implimentazzjoni tal-Ftehim u biex timplimenta l-miżuri adottati fil-qafas tal-AIDCP. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 1999.

L-Unjoni hija parti għall-IATTC u l-AIDCP, wara li approvat il-Konvenzjoni ta' Antigua u l-AIDCP skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2006/539/KE¹ u 2005/938/KE², rispettivament.

2.2. Il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Programm għall-Konservazzjoni tad-Delfini

L-IATTC huwa l-korp stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Antigua biex ikun responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua. Dan jadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni biex jiżgura l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut koperti mill-Konvenzjoni.

Il-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP huwa l-korp stabbilit mill-AIDCP biex jiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tar-riżorsi tal-baħar haġjin assoċjati mas-sajd tat-tonn bit-tartarun tal-borża fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua. L-IATTC għandha responsabbiltajiet sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-miżuri adottati mil-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP u tiżgura s-segretarjat tal-AIDCP.

Il-miżuri adottati mill-IATTC u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni għat-Tiŝih tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/938/KE tat-8 ta' Diċembru 2005 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (ĠU L 348, 30.12.2005, p. 26).

Bħala membru tal-IATTC u tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP, l-Unjoni għandha drittijiet ta' parteċipazzjoni u ta' vot. L-IATTC u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom b'kunsens.

2.3. Id-deċiżjonijiet adottati mill-IATTC u mil-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP

L-IATTC għandha l-awtorità li tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni ("riżoluzzjonijiet") għas-sajd taħt ir-responsabbiltà tagħha u li huma vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti.

Skont l-Artikolu IX.7 tal-Konvenzjoni ta' Antigua, ir-riżoluzzjonijiet jidħlu fis-seħħ 45 juma wara d-data li fiha l-partijiet kontraenti jiġu notifikati bihom mill-IATTC.

Il-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP għandha l-awtorità li tadotta deċiżjonijiet biex tikseb l-oġġettivi tal-AIDCP. Hekk kif jiġu adottati, dawn id-deċiżjonijiet isiru vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti.

3. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-laqgħat annwali tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) hija attwalment stabbilita skont approċċ fuq żewġ livelli. Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi pluriennali, u sussegwentement tiġi aġġustata għal kull laqgħa annwali bid-dokumenti informali tal-Kummissjoni li jridu jiġu diskussi fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill.

Għall-IATTC, dan l-approċċ huwa implimentat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 10126/14 tat-23 ta' Mejju 2014, li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-IATTC u l-laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP għall-perjodu 2014-2018. Id-Deċiżjoni tinkludi prinċipji u orjentazzjonijiet ġenerali, iżda tqis ukoll, sa fejn hu possibbli, l-ispeċifitàjiet tal-IATTC u tal-AIDCP. Barra minn hekk, tistabbilixxi l-proċess standard biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni sena b'sena, kif mitlub mill-Istati Membri.

Id-Deċiżjoni 10126/14 tipprevedi reviżjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni qabel il-laqgħa annwali tal-2019. Għalhekk, din il-proposta tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-IATTC għall-perjodu 2019-2023, u b'hekk tissostitwixxi d-Deċiżjoni 10126/14.

Id-Deċiżjoni 10126/14 inkorporat il-prinċipji u l-orjentazzjonijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) il-ġdida kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, filwaqt li tqis ukoll l-oġġettivi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-PKS⁴. Barra minn hekk, din aġġustat il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tat-Trattat ta' Lisbona.

Ir-reviżjoni attwali tqis, b'rabta mal-impatti tas-sajd, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar *Strateġija Ewropea għall-plastiks f'ekonomija ċirkolari*⁵, il-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

⁴ KUMM(2011) 424, 13.7.2011.

⁵ COM(2018) 28 final, 16.1.2018.

u l-Kummissjoni dwar *Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna*⁶ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni Kongunta⁷.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’ sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim”.

“Atti li jkollhom effetti legali” jinkludu atti li għandhom effetti legali permezz tar-regoli tal-liġi internazzjonali li tirregola l-korp inkwistjoni, u l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti taħt id-dritt internazzjonali, iżda huma “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”⁸.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-IATTC u l-Laqgħa għall-Partijiet tal-AIDCP huma korpi stabbiliti bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta’ Antigua u l-AIDCP.

L-atti li l-IATTC u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP huma mitluba jadottaw jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. L-atti previsti għandhom ikunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu IX tal-Konvenzjoni ta’ Antigua u mal-Artikolu VII tal-AIDCP, u huma kapaċi jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU)⁹;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd¹⁰; u
- Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta’ flotot tas-sajd esterni¹¹.

L-atti previsti ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni ta’ Antigua jew tal-AIDCP.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-

⁶ JOIN(2016) 49 final, 10.11.2016.

⁷ 7348/1/17 REV 1, 24.3.2017.

⁸ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

⁹ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

¹⁰ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

¹¹ ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

Unjoni. Jekk dak l-att isegwi żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew minn dawn il-komponenti jkun identifikabbli bħala l-att ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tiġi bbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik li jirrikjedi l-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw is-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa l-bażi ġuridika li tistabbilixxi l-prinċipji li għandhom jiġu riflessi f'din il-pożizzjoni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Id-Deċiżjoni għandha tissostitwixxi d-Deċiżjoni 10126/14, li tkopri l-perjodu 2014-2018.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini u li tħassar id-Deċiżjoni 10126/14

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE¹² l-Unjoni Ewropea kkonkludiet il-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Costa Rica (il-Konvenzjoni ta' Antigua) li stabbiliet il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC).
- (2) L-IATTC hija l-korp stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Antigua biex ikun responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua. L-IATTC jadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni biex jiżgura l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut koperti b'din il-Konvenzjoni. Dawn il-miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (3) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/938/KE¹³, l-Unjoni Ewropea approvat il-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (AIDCP), li stabilixxa l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Dniefel. L-Artikolu XIV tal-Konvenzjoni ta' Antigua, jipprevedi li l-IATTC jkollha rwol integrali fil-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-AIDCP u fl-implimentazzjoni tal-miżuri li huma adottati fil-qafas tal-AIDCP. Is-Segretarjat tal-AIDCP huwa pprovdut mill-IATTC.
- (4) Il-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP hija l-korp stabbilit mill-AIDCP biex jippromwovi t-tnaqqis progressiv tal-mortalitajiet incidentalni tad-dniefel fis-sajd tat-tonn bit-tartarun tal-borża fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua għal livelli li jqarrbu lejha iż-zero. Il-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP tadotta deċiżjonijiet biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tar-riżorsi tal-baħar ħajjin assoċjati mas-sajd tat-tonn bit-tartarun tal-borża fiż-

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

¹³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/938/KE tat-8 ta' Diċembru 2005 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini, (ĠU L 348, 30.12.2005, p. 26).

żona fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua. Dawn il-miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.

- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ jipprovdi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u jkunu ġestiti b'tali mod li jkun konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Dan jipprovdi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin jirkupra l-popolazzjoni ta' speċijiet mistada u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Dan jipprovdi wkoll li l-Unjoni għandha tieħu miżuri ta' ġestjoni u konservazzjoni bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, biex tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, biex telimina gradwalment il-qbid skartat u tippromwovi l-metodi ta' sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, għal sajd b'impatt baxx fuq l-ekosistema tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprovdi speċifikament li daww l-objettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-twettiq tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.
- (6) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea dwar *Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna*¹⁵, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni kongunta¹⁶, il-promozzjoni ta' miżuri għall-appoġġ u t-tisħiħ tal-effettività tal-organizzazzjonijiet reġionali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u, fejn rilevanti, it-titjib tal-governanza tagħhom huwa fundamentali għall-azzjoni tal-Unjoni f'dawn il-fora.
- (7) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar *Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari*¹⁷, tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastik u t-tniġġis tal-baħar, kif ukoll it-telf jew l-abbandun ta' rkaptu ta-sajd fil-baħar.
- (8) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-IATTC u tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP għall-perjodu 2019-2023, peress li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tal-IATTC u d-deċiżjonijiet tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008¹⁸, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009¹⁹ u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

¹⁵ JOIN(2016) 49 final, 10.11.2016.

¹⁶ 7348/1/17 REV 1, 24.3.2017.

¹⁷ COM(2018) 28 final, 16.1.2018.

¹⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE)

- (9) Attwalment il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-IATTC hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 10126/14²¹. Jixraq li d-Deċiżjoni 10126/14 titħassar u tiġi sostitwita b'Deċiżjoni ġdida għall-perjodu 2019-2023
- (10) Fid-dawl tan-natura li qed tevolve tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis żviluppi ġodda, inkluża informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra ppreżentata qabel jew matul il-laqgħat tal-IATTC u l-Laqqgħa tal-Partijiet tal-AIDCP, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri, f'konformità mal-prinċipju ta' koperazzjoni sinċiera fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqax fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perjodu 2019-2023.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) u l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (AIDCP) hija stabbilita fl-Anness I.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-IATTC u l-Laqqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP għandha titwettag f'konformità mal-Anness II.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għal-laqqgħa annwali tal-IATTC fl-2024.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 10126/14 tat-23 ta' Mejju 2014 hija mħassra.

Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

²¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*